Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 554 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Mario Vella**

Illum, 12 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Vella, iben Nazzareno, imwieled Birkirkara, fid-19 ta' Awwissu, 1958, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 544558 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' Marzu 2012 ghall-habta tal-11:30am gewwa San Gwann, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur ta' Margaret Lilian Muscat ta' 31 sena u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Margaret Lilian Muscat. Il-Qorti kienet ukoll mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa. F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Margaret Lilian Muscat u l-familja taghha ai termini tal-Artikolu 383 *et sequitur*, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 207, 214, 221 (1) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet u ddikjarat lil Mario Vella hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u konsegwentement ikkundannatu ghal piena ta` prigunerija ghal zmien disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9, ordnat li s-sentenza ma tidholx

fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

Skont l-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

In oltre, ipprovdiet ghas-sigurta` ta` Margaret Lilian Muscat, l-Qorti rabtet lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elf Euro (€1000) ghal zmien tnax-il xahar mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mario Vella minnu pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo ikun il-kaz, subordinatament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

**<u>Fil-mertu</u>**

Illi hija il-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa konsapevoli mill-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti;

Illi madanakollu, huwa wkoll palezi li l-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha li taghmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienetx wahda "*safe and satisfactory*" fid-dawl tar-rizultanzi;

Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet ' Pulizija vs Giovanni sive John Micallef' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif diversament preseduta nhar it-18 ta' Marzu, 2010, fejn il-Qorti irriteniet illi jekk: *"din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura* ***din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*** *(ara f' dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94; "ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi" [14.2.1989]; "il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn"*;

Illi f' dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant jemmen li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt sabet htija ghall-akkuzi addebitati lilu b' mod li ragonevolment jista' jitqies bhala ' *a safe and satisfactory conclusion*' ;

Illi jibda biex jinghad, illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha quddiema **zewg verzjonijiet kunfliggenti ghall-ahhar** ta' kif graw l-avvenimenti li waslu ghal dan il-kaz.

Illi l-verzjoni tal-allegata vittma jekk taghsarha hija li hija li fil-mument illi hija nizlet fil-garaxx tal-appellant, huwa rassha f' rokna, dahhal idejh taht hwejjiga u prova jbusha;

Illi mill-banda l-ohra l-appellant fix-xhieda tieghu isostni illi ma kienx hemm kuntatt fiziku bejnu u bejn l-allegata vittma. Skond l-appellant, hija nizlet fil-garaxx u qaltlu xi diskors dwar kemm tixtieq li f' hajjitha kellha ragel bhalu u huwa talabha tohrog – il barra;

Illi l-appellant ihoss lil l-Ewwel Qorti ghamlet konkluzjonijiet affrettati hafna meta giet biex tiggudika dan il-kaz, u dan ghaliex bniet it-teorija taghha dwar x' setgha gara fuq premessi hziena;

Illi per ezempju, l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha tghid illi:

*"Lanqas ma hemm kontestazzjoni (jidher almenu, anke jekk ghal ftit sekondi), illi fid-data, hin u lok in kwistjoni, kien hemm xi ftit kuntatt bejn l-imputat u Margaret Lilian Muscat. Fejn ma jaqblux il-protagonisti, hu dwar id-dettal importanti. Jew kien hemm avvanz, jew tentattiv ta` avvanz minn naha ta` Margaret Lilian Mucat fuq l-imputat; jew kien hemm avvanz minn naha ta` l-imputat fuq Margaret Lilian Muscat"*

Illi bir-rispett kollu dovut, mix-xhieda tal-appellant, johrog car hafna li fil-fatt **hemm kontestazzjoni qawwija** da parti tieghu illi kien hemm xi tip ta' kuntatt fiziku bejn l-appellant u l-allegata vittma. Fil-fatt l-appellant jghid: *"x' hin dort sibt lilha ma wicci u anqas flaht inkellimha ghax ma smajtiex niezla u ghamiltilha s-sinjal biex titlaq, qaltli : Kemm nixtieq insib ragel ihobb lili u lill-uliedi. U sadanittant marret mall-ewwel"*;

Illi huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti ghamlet premessa hazina fuq element krucjali tad-difiza tal-appellant, li huwa n-nuqqas ta' kuntatt fiziku bejnu u bejn l-allegata vittma;

Illi l-Ewwel Qorti tkompli ssahhah it-teorija taghha dwar dak li gara billi tirreferi ghac-certifikat mediku u ghax-xhieda tat-tabib li ezamina lil allegata vittma;

Illi hawnhekk ukoll, l-Ewwel Qorti tizbalja, u f' dan il-kaz bil-kbir;

Illi c-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Chris Mercieca, li jinsab ezebit a fol 18 tal-process, jirriskontra ferita ta' natura hafifa fil-forma ta' tbengila fuq is-sider tal-lemin u ohra fuq is-sider tax-xellug;

Illi pero, it-Tabib Chris Mercieca ta' certu dettalji dwar dan it-tbengil illi jitfghu dawl differenti ghall-ahhar dwar x' setgha gara f' dan il-kaz. Dawn id-dettalji l-Ewwel Qorti mhux talli ma qisithomx talli lanqas biss issemmihom fil-kunsiderazzjonijiet taghha;

Illi t-Tabib Chris Mercieca fix-xhieda tieghu li tinsab traskritta a fol 56 et seq jghid illi t-tbengil li kellha fuqha l-allegata vittma (u dan anki kif jidher mic-certifikat) kellu

kulur li jindika li kien tbengil frisk. Skond l-istess tabib, il-kulur tat-tbengil jinbidel skond kemm tkun antika t-tbengila partikolari. F' dan il-kaz it-Tabib jghid li t-tbengil li kellha l-allegata vittma, kien tbengil frisk fis-sens li l-probabbilta' kienet li sar il-gurnata ta' qabel (jigifieri madwar 24 siegha);

Illi hawn huwa l-crux ta' kollox. L-allegata vittma marret ghand il-Pulizija u sussegwentament ghand it-Tabib Mercieca **<u>aktar minn tlett ijiem wara li sehh l-allegat kaz.</u>** Dan ifisser illi kieku kien vera illi t-tbengiliet ghamilhom l-appellanti, kieku dan it-tbengil kien ikollu kulur li jindika li t-tbengila ma tkunx friska. **<u>It-Tabib Mercieca fix-xhieda tieghu tista' tghid li jeskludi li t-tbengil li kellha l-allegata vittma kien ilhom hemm tlett ijiem</u>**;

Illi dan il-fatt, l-Ewwel Qorti skartatu qisu qatt ma kien. U l-mistoqsija li tigi wahedha hija li jekk dan it-tbengil kien frisk tant li probabbli sar fl-istess gurnata li l-allegata vittma marret l-ghassa u sussegwentament ghand it-Tabib Mercieca, allura dan it-tbengil min ghamlu? Certament mhux l-appellant hija l-unika risposta li wiehed jista' jghid fic-cert;

Illi wiehed irid iqis ukoll id-dewmien biex l-allegata vittma marret ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija. Wiehed jistaqsi x' kien qed izomm lil din il-persuna milli tibqa sejra l-ghassa u taghmel rapport li giet vjolentament aggredita? X' kienet ir-raguni vera li damet tlett ijiem biex ghamlet dan ir-rapport? X' kienet ir-raguni li, jekk kellha ferita fuq sidirha, ma marritx ghand tabib mal-ewwel?

Illi dawn il-mistoqsijiet certament iqanqlu dubbji u dubbji kbar;

Illi l-appellant huwa ragel tal-familja li flimkien ma' martu (li attendiet dejjem ghal dawn il-proceduri) rabbew lil uliedhom f' ghozza kbira. Huwa ghandu fedina penali tajba u qatt ma kellu l-icken kaz ta' xi tip ta' vjolenza f' hajjtu kollha;

Illi l-appellant isostni bil-qawwa kollha illi huwa vittma ta' messa in xena li ultimament qed tkissirlu hajtu;

Illi kuntrarjament ghal dak li qed tghid l-Ewwel Qorti, il-provi ma jikkorraborawx it-teorija li l-appellant ghamel attentat vjolenti fuq il-pudur tal-allegata vittma. Anzi il-provi jiskreditaw din it-teorija;

Illi il-provi importanti juru illi l-allegata vittma marret ghand il-Pulizija tlett ijiem wara l-kaz u sussegwentament marret ghand it-Tabib biex jirrilaxxa certifikat mediku. It-Tabib jghid li din kellha tbengil frisk, li probabbli sar dak inhar stess jew il-gurnata ta' qabel. Dan ifisser li t-tbengil ma ghamilhomx l-appellant izda saru minn xi hadd iehor jew sahansitra mill-allegata vittma stess;

Illi l-appellant ihoss li altru milli l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni;

Illi dan il-kaz fih tant inkosistenzi u toqob illi ma jwasslux biss ghal dubju, izda jwasslu ghal dubbji kbar dwar il-veracita' o meno ta' dak li qed tallega l-allegata vittma;

Illi l-Ewwel Qorti tirreferi ghal verzjoni tal-appellant bhala konvenjenti u dan minghajr ma qieset sew certu provi li juru minghajr ekwivoku lil l-verzjoni tal-appellant m' hix konvenjenti, izda l-verita;

Illi b' dispjacir kbir l-appellant isostni illi kull ma gara f' dan il-kaz huwa instabet htija f' persuna innocenti u inghatat kundanna ghal piena karcerarja lil persuna li ma kellha x' taqsam xejn ma' dak li gara lill-allegata vittma;

Illi anki mil-lat akkademiku, id-dubbji li jqumu mix-xhieda tat-Tabib ghandhom ikunu bizzejjed biex jiskreditaw dak li qed tghid l-allegata vittma, b' tali mod li l-kaz ma jkunx pruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Anzi l-appellant isostni li fil-verita' , il-provi jindikaw li fil-probbabilta' gara dak li qed isostni hu.

Illi l-appellant jemmen li tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi kollha, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, *safely and satisfactory*, ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

**Il-Piena**

Illi anki f' kaz ta' sejbien ta' htija, l-appellant isostni li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet harxa wisq, u dan tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-eta' tal-appellant u anki tal-kundizzjoni ta' sahhet l-appellant;

Illi l-Ewwel Qorti kellha quddiema diversi alternattivi ta' pieni li ma jinvolvux il-karcerazzjoni, anki jekk din tkun sospiza;

Illi l-appellant certament m' huwiex xi *hardened criminal* u ghaldaqstant kien jimmerita klemenza billi tigi imposta sanzjoni differenti minn dik li giet imposta mill-Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar it-3 ta' Dicembru 2012 xehed l-**Ispettur Luke Bonello** u kkonferma li nhar id-29 ta' Marzu 2012 kien gie infurmat li kien hemm certu Margaret Lilian Muscat li kienet marret taghmel rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' San Gwann u din stqarret li kien hemm ragel li allegatament kien missilha xi partijiet privati taghha fosthom sidirha u partijeti ohra waqt li kienu go garaxx fi Triq Alessandro Xuereb, San Gwann. Is-sinjura kienet ukoll allegat illi l-persuna responsabbli minn dan l-agir kien certu Mario Vella u kienet anke indikatilha l-address fejn joqghod. Huwa kien tkellem mal-vitma fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan wara li kienet marret l-poliklinika u din irrakkontatlu x'kien gara.
Qaltlu li waqt li kienet mixja quddiem id-dar, bazikament l-garage tal-appellant, li gharfitu fl-Awla. Stqarret li binha kien ra d-dghajjes tal-appellant illi kienu fuq barra u wara urih xi annimali li kellu . F'hin minnhom bdiet tghajjat lit-tifel biex johrog.

Binha dak iz-zmien kellu erba' snin u appena rat li ma harigx bdiet tinkwieta u nizlet hemmhekk. Hija nizlet fil-garaxx u sabet lill-appellant izomm it-tifel taghha u jurih u meta marret biex tiehu t-tifel, dan rassha mal-hajt dahhal idejh that it-top illi kienet libsa u beda imissilha sidirha. Qalet ukoll li kien irrejagiet ghal dan l-agir u appena giet biex titlaq, l-istess appellant kien heddida biex ma tghid lil haddu li trid tmur tghamel xi haga mieghu ghaliex fin-nuqqas kien ser johdilha it-tifel.

Qaltlu li kellha xi feriti li kienu ghadhom jidhru fuq l-parti taghha u fuq sidirha u staqsa lil WPC 221 u WOC 244 biex jaraw x'tip ta' feriti kien hemm. Il-Pulizija kienu irraportaw li kienu raw xi feriti u cioe' forma ta' id ma sidirha u forom ta' tbengil.

Wara kien baghat ghall-appellant u wara li l-appellant kien tkellem ma Dr Mark Vassallo kien irrilaxja stqarrija nhar id-29 ta' Marzu, 2012. Dan cahad li kien immolesta lill-allegata vitma waqt li kkonferma li binha kien qabez fuqu meta rah fil-garage ghaliex ghandu speci ta' *soft spot* ghalih u mar hdjeh u kien mar hdejh biex jara d-dghajsa u kien urih xi ghasfur u meta s-sinjura gabret it-tifel ma kien gara xejn minn dak li gie allegat lilu.

Huwa esebixxa kopja ta' l-istqarija li tinsab esebita a fol. 5 tal-process, esebixxa ukoll certifikat mediku mahrug min Dr. C. Mercieca rigward l-allegat griehi li kellha Lilian Muscat.

Rat ic-certifikat mediku esebit a fol 18 markat bhala dok 1 fejn hemm miktub li t-tabib C. Mercieca kien ra tbengila fuq is-sider tal-lemin u ohra fuq is-sider tax-xellug ta' daqs 2cm u li tali griehi kienu ta' natura hafifa.

**<u>PS 6 Duncan Demicoli</u>** xehed nhar il-25 ta' Frar, 2013 u spjega illi fid-29 ta' Marzu 2012 ghall-habta tal-10.30 a.m dahlet Lelian Muscat l-ghassa u rraportat illi tlett ijiem qabel u cioe' nhar is-26 ta' Marzu 2012 ghall-habta tal-11.30a.m kienet ghaddejja fi triq Alessio Xuereb, San Gwann mat-tifel taghha Adam li ghandu erbgha snin u raw lill-appellant li kien qed jahdem fuq dghajsa. Binha telaq minn idha u mar ikellem lill-appellant u dan tellghu fuq id-dghajsa u qaghad jurih xi affarijiet u jilghab mieghu u minn hemm nizlu l-garaxx biex jurih l-annimali. Lilian allegat li stenniet

barra u sejhet lil Ludvic bin l-appellant biex imur igibilha it-tifel izda tghid li dan ma tax kasha. Ghalhekk nizlet hija stess tieghu t-tifel u allegat illi minn hemmhekk l-appellant rassha u zammha mal-hajt, kontra l-kunsens taghha u prova ibusha, dahhal idejgh taht il-hwejjeg taghha u beda jbabas fuq sidirha u hemmhekk qallha skond hi li jekk tikxfu tigi bi kbira u ma jhallihiex tara lit-tifel, jekk tikxfu mal-pulizija.

Telqet minn hemm u ghamlet ir-rapport taghha tlett ijiem wara ghax dak il-hin kienet imbezza. Dak il-hin stess marru fl-indirizz tal-appellant biex jigbruh. Fl-ghassa l-appellant ikkonferma li veramaent fis-26 ta' Marzu, 2012 kien qed jghamel manutenzjoni fuq id-dghajsa tieghu u kien nizel ibnu biex jara l- barbagann fil-garaxx. Nizlet Lilian u skond hu hakket mieghu u ma ghamel xejn izjed telqet lit-tifel u harget 'l barra. Huma tkellmu wkoll ma Ludvic u dan ikkonferma id-data u li it-tifel nizel jara l-annimali ghand missieru fil-garaxx u stqarr li ma kien gara xejn. Anzi qal li divesi okkazjonijeit ohra Lilian kienet sahansitra avvicant lilu u rgiel ohra tghidilhom speci li tinsab minghajr ragel u qieghda wahdedha. Huma hadu l-istqarrija tal-appellant waqt li l-allegata vittma marret tigbor certifikat mediku. Jikkonferma li kien l-ufficjal investigattiv li hejja l-okkorenza esebit a fol. 8 ta' l-atti.

Mistoqsi in kontro ezami jekk l-allegat vitma damet tlett ijiem imbezza qal li marret l-ghassa ma zijitha u kienet qed tibki. Mistoqsi jekk jafx lil din il-persuna jghid li gieli raha pero' ma jafhiex personalment. Fil-fatt jghid li lanqas mhu cert jekk kienitx zijitha pero' jghid li kient il-persuna li heggitha taghmel ir-rapport. Mistqosi jekk hux minnu li l-appellant cahad li sehh ir-reat ighid li iva minnufih cahad pero' jghid li it-tifel taghha mar jilghab mieghu. Jghid ukoll li rrizutalu li t-tifel kien imur ta' spiss ghand l-appellant ghax l-appellant hu dilettant tal-annimali.

**Liliana Muscat** xehdet nhar il-25 ta' Frar 2013 (fol. 25) u stqarret li xi zmien is-sena precedent ghal meta xehdet tghid li kienet ma binha Adam li kellu erba' snin mixjin fi Triq Alessio Xuereb ghax ridet tixtri minghand is-supermarket u kien hemm dghajsa pparkjata faccata tal-bieb li kient tat-tifel tal-appellant. Qalet li dak il-hin binha kien hdejha izommilha idejha u waqaf ihares lejn id-dghajsa u l-appellant ghajjat lit-tifel, it-tifel harbilha minn idejha u qasam it-triq u Mario refghu. Tghid li

huma kienu girien u uliedha jafu lill-appellant. Tghid li binha hu dhuli hafna u l-appellant refghu u poggih fuq id-dghajsa. Tghid li kienet mghagla biex tmur tixtri u qaltlu. Tghid li l-appellant nizel jara l-annimali fil-garage ma binha ghax binha ihobb l-annimali ukoll. Bdiet tghajjatlu u dan ma bediex iwegibha. Bdiet tghajjat lil Mario izda lanqas dan ma wegibha. Qalet li ghajtet li iben l-appellant Ludvic li kien faccata izda dan ma tax kasha u ghalhekk nizlet hi ghaliex qalbha habrietha li seta' mess lil binha.

Mistoqsija jekk hemmx xi tarag peress li stqarret li nizlet izda spejgat li hemm speci ta' rampa. Dak il-hin binha kien f'idejgh ghax kien refghu. Qalet li talbitu itiha lil binha izda ma riedx u uza certu sahha ma setghetx tiehu it-tifel minghandu. Izda hija u tiehu lit-tifel minghandu, l-appellant beda' imissha. Dahhal idu taht il-flok u beda imissha fuq sidirha u jaghfas bl-addocc. Halliethu jaghfas u riedet tiehu lit-tifel. Dak il-hin kull ma kellha f'mohha kien li tiehu lit-tifel, hallietu igerfex. Tghid li ma setghetx tiehu lit-tifel minn taht idejgh b'xejn, telqet tigri 'l fuq ghax taha xokk, rassha go kantuniera jigiefieri mal-hajt. Go rokna fejn kien hemm l-annimali stess u halliet lit-tifel hemm. Bix-xokk insietu hemm u regghet nizlet ghalih. Imbaghad hatfet it-tifel u qallha biex thalih ikollu x'jaqsam maghha. Qalet li prova inezzahha, prova ikollu x'jaqsam maghha izda minhabba li kienet libsa certi hwejjeg ma setghax u kif telghet qallha *'jekk tikxifni bi kbira tkun u jekk ma thallinix jkolli x'naqsam mieghek naghmillek ghar milli ghamiltlek, nohodlok it-tifel.'*

Qalet li imbaghad marret l-ghassa izda dan sehh wara li qalet lill-ommha. Mistoqsija meta qalet lill-ommha tghid li ma tafx. Tghid li l-ghassa maret mal-mummy taghha Tessie Muscat. Mistoqsija ghaliex bezghet minn ommha tghid ghax ma riditx tinkwetaha. Izda imbaghad tkelmet ma missier it-tifel taghha, certu Mark Schembri u wara li fethet qalbha mieghu inkoraggiha biex tmur tghid l-ommha. Tghid ukoll in kontro esami li wara dan l-incident ma setghetx torqod u bdiet tohlom tghajjat u maret tkellem lil Psikjatra Peter Muscat.

**Tessie Muscat** omm l-allegata vitma xehdet nhar til-25 ta' Frar 2013 u kkonfermat li Lilian ghandha zewgt itfal Adam u Kylie ta' ghaxar snin. Qalet li tlett ijiem wara l-allegat incident bintha qaltilha li meta marret titri kient ghaddejja bit-tifel Adam u

dak hu fissat fuq il-boats dejjem irid boat u hi ghadejja mit-triq fejn joqghod l-appellant Adam ra d-dghajsa u l-appellant ghajjatlu u staqsih jekk riedx jitla' fuq id-dghajsa. It-tifel harab minn id ommu u telgha fuq id-dghajsa u wara ftit tghid li ried jinzel fil-garage. Tghid pero' li ma tiftakarx kollox.

Qalet li hija qed tixhed fuq dak li qalet bintha l-ghassa. Spjegat li lit-tifel bdiet tghidlu li ridet tmur tixtri izda baqa' nizel fil-garage. Hija bdiet tghajjatlu izda ma semghetx hsejjes u ghalhekk bdiet tinkwieta u nizlet warajh. Dak il-hin l-appellant hatafha u tefaghha go xi rokna u beda' izomm lit-tifel u lilha. Hija bdiet tissielet biex tohrog minnha u tohodlu lit-tifel u titla 'l fuq u ma irnexxilhiex u ghamlet sforz u telqet hi fuq u t-tifel baqa' hemm isfel. Tghid li missilha sidirha u avolja irresistiet u telghet u kien hemm it-tifel tieghu qalet li gie ma xi iehor u qaltlu mur gibli it-tifel minn isfel ghax zammuli missierek u ma tax kasha. Kellha taghmel kuragg u tizel u marret hadet it-tifel u qallha xi kliem u ma niftakarx ezatt x'qalha. Fis-sens li heddidha li jista jghamillha ghar.

Qalet li kienet hi li hegget lil bintha tmur l-ghassa. Mistoqsija jekk ratx xi griehi tghid li rat tbengil u ghalhekk marret il-polyclinic. Qalet li imbaghad it-tifla qabditha depression u tinsab taht il-kura ta' Dr Peter Muscat. Mistoqsija jekk kienitx tmur ghand Dr. Muscat qabel l-incident tghid li iva meta kellha l-inkwiet mar-ragel.

**Dr Peter Muscat** xehed nhar it-12 ta' April 2013 jghid li l-ewwel darba li ra lil Liliana Muscat kien fis-26 ta' Marzu, 2009 meta kellha 28 sena u kienet akkompanjata minn ommha Tessie Muscat u irrakontatlu li kienet ghaddejja minn perijodu ikrah f'hajjitha. Kellha depression u idejat suwicidali. Qal li Liliana kient tbati minn epilepsy meta kienet zghira u kellha idejha migbuda u ma tistax tuzaha hafna. Kienet gja separata minn ma zewgha. Jghid li ghanda zewgt it-tfal min irgiel differenti u wiehed minn uliedha hu autistic. Dawn il-problemi kollha krejawlha problemi f'hajjitha u ma tantx setghet tikkopja u ommha kient tghinha. Missierha kien irrigettaha u kient thoss li r-relazzjonijiet li kellha kollha kienu spiccaaw u ma kein ghad fadal xejn izjed ghal fejn kellha tibqa' tghix. Spjega li kull meta kien jarha kient tkun vera imdejqa, vera depressed, b'xewqat li tmut u b'ideat suwicidali li tiehu overdose biex tmut.

**WPC 221 Francesca Mangion** xehed nhar it-12 ta' April 2013 tghid li nhar id-9 ta' Marzu 2012 kient xhud ta' dikjarazzjoni li rrilaxjat is-sinjura Muscat gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan. Qalet li l-vitma bdiet tallega li kellha xi griehu fuq sidirha u kixfitilha sidirha u fil-fatt kellha tbengil fuq iz-ewg partijeit ta' sidirha. Tghid li kellha aktar minn tbengila wahda.

**WPC 224 Marcelle Degabriele** spjegat li f'Marzu 2012 Margaret Lilian Muscat kienet marret l-ghassa u ghamlet rapport dwar '*violent indecent assault*' u qalet li rat xi sinjali ta' speci tbengil fuq sidirha li kienu evidenti hafna pero' stqarret li fl-investigazzjoni ma dahlitx.

**Ludwig Vella** xehed nhar is-26 ta' Novembru 2013 u kkonferma li jigi bin l-appellant u qal li jiftakar li kien ghadu kemm kien gej minn lejl bahar tellgha d-dghajsa dahhalha fil-garage, inhasel b'girja sab mara tiela minn fuq rampa. Qal li kien hu mal-habib ghaliex il-habib tieghu kien wasslu ghax il-karozza kien halliha hdejn id-dghajsa u appena wasal din il-mara marret titkellem maghhom u qaltilhom li ma setghetx isib ragel kif taghmel normalment ghax din dejjem hekk sejra. Qal li huwa jaf min kienet din il-mara u dan ghaliex kienet tkun maghhom meta kienu tfal. Mistoqsi jekk jiftakarx li kellha lil binha maghha jghid li binha kien ma missieru. Qal li kien tiela' mil-garage ghaliex kien mar jurih il-Barnagan. Dak il-hin it-tifel kien fuq misssieru u kellu l-karozza ta' ibnu u ried jaghtihielu. Jaf li LIlian hadet lil binha minn fuq missieru. Qal li Lillian raha tielgha r-rampa u marret hdejhom kif taghmel is-soltu biex ticcajta. Qal li fil-fatt marret tixtri u lanqas ghaddew dsatax-il minuta u regghet marret hdejhom. Mistoqsi kif kient Lilian dak il-hin qal li dehret normali salv li qalet li ma setghetx issib ragel. Qal li jaf lil Lilian sew ghax trabbew flimkien fil-fatt hi sentejn ikbar minnu. Huwa ghandu sitta u ghoxrin sena. Qal li din mhux l-ewwel darba li tghid li trid ragel. Qal li mieghu kien hemm Andrew Galea meta qaltlu dan il-kliem.

**Dr Chris Mercieca** u muri c-certfikat esebit fl-atti a fol 18 u jikkonferma li dan gie redatt minnu. Ikkonferma li kien ra lil Lilian Margaret Muscat fid-29 ta' Marzu, 2012 fin-12.30 fic-centru tas-Sahha tal-Gzira u kelleu tbengil fuq is-sider tal-lemin u tax-

xelleug u ta' daqs wiehed u iehor ta' zewg centimetre. Fil-fehma tieghu il-feriti kienu hfief. Mistoqsi jekk qaltlu kif spiccat b'dawn il-feriti qal li qaltlu li qalet xeba izda ma tiftakar xejn izjed. Qal li l-kulur tat-tbengil kien skur. L-impressoni tieghu kient li qalghet xeba minghand xi hadd pero' ma kienx cert. Qal li meta staqsiha jekk kienitx taht krua prsikjatrika qaltlu li kienet. Tbengila tibda kulur skur qisu demm imbaghad jibda' jiccara u ibiddel il-kulur, jibda jibbreakja u isir ahdar sakemm jisparixxi.

Normalment it-tbengila isir immedjatament ma l-impatt. Qal li ghalih it-tbengil li ra kien frisk. Qal tbengila antika ghalih tfisser tnegila ta' jumejn jew tlieta. Qal li it-tbengil li ra ma kienx antik kient iktar friska minn hekk. It-tabib qal li l-impressjoni li ha tal-pazjenta kien li ma kientix f'postha. Mistoqsi jekk qaltlux minn aggrediha jew kienitix xi aggressjoni sesswali ighid li ma jiftakarx. Pero' kieku semmitlu li kien hemm xi atakk ta' sess kien jikteb notament u d'dan il-kaz ma kien hem xejn minn dan.

**Andrew Galea** xehed nhar it-2 ta' April, 2014 u kkonferma li jaf lil Ludwig Vella ghaliex hu gar tieghu. Jiftakar li darba minnhom kien hdejn il-garage ta' Ludwig u nizlet mra bit-tifel u giet hdejn Ludwig. Dakinhar kien qed jikellem mieghu barra jparlaw ghax it-tnejn li huma dilettanti tal-bahar u din il-mara nizlet bid-dahqa kienet sejra tixtri. Jghid li jiftakar il-jum ghaleix gimgha wara l-dan l-incident kienu baghtu ghal missier Ludwig l-ghassa. Stqarr li Mario kien qallu li din il-mara allegat li hu kien sawwatha u rrapjaha u staqsieni jekk kont rajtha tielgha imgefxa. Jghid li dakinhar kien qieghed barra ma Ludwig u raha hierga mil-garage bid-dahqa u qalet li kient sejra tixtri bhal bniedem normali telghet. Jghid li ilu jaf lil Mario tnejn u ghxorin sena. Mistoqsi jekk il-pulizija baghtux ghalih qabel dakinhar jghid li le. Pero' ighid li kien qal lil Mario li jekk irid li jixhed dwar dak li jaf kien lest li jghamel hekk.

L-appellant kien irrilaxja stqarrija nhar id-29 ta' Marzu 2012 fl-ghassa tal-pulzija ta' San Gwann (fol. 5) u msitoqsi jekk jahdimx qal li kien ilu hamsa u ghoxrin sena ma jahdem ghaliex kien korra u hu disabled. Huwa mizzewweg u ghandu tlett itfal. Mistoqsi jekk jafx lil Lilian jghid li jafha u dan ghaliex trabbiet ma uliedu u jkellimha kull meta jarha. Jghid li jkellimha bhala girien.

Mgharraf li fis26 ta' Marzu 2012 din Lilian ghamlet raport fil-konfront tieghu fejn allegat li kien ghafasha mal-hajt tal-graxx tieghu u missilha sidirha jghid li dan kollu gideb. Qal li kellu lil binha fuqu u ma kellhiex ghlafejn tidhol fil-garage. Qal li kien fil-garage ma binha li kien fuqha.

Spjega li dakinhar kien fil-parapet u raha ghaddejja, kellmithu bhas-soltu u dak il-hin kellha it-tifel iz-ghir taghha fuqha u appena rah mar ghal fuqu. Huwa hadu jara d-dghajsa li kient quddiem il-bieb tal-garaxx, u rikkbu fuq din id-dhgajsa. Wara li nizlu mieghu biex jara Barbagan haj li kellu fil-garage. Kienu f'kuritur zghir u din Lilian marret hdejhomjew biex tarah jew ma jafx x'kellha f'mohha ghax wara dan ir-rapport kien qed jahseb hazin. Meta kient ghaddejja minn hdejh messet mieghu biex tara dan il-Barbagan. Wara telghet il-fuq u hu kien ghadu isfel bit-tifel fuqu jurih il-karozza. Wara tellghu lura fuq il-parapet u sabha hemm titkellem ma ibnu Ludwig u ta' t-tifel lura.

Mistoqsi jekk kienx hu li ghamillha il-griehi li kellha f'sidirha jghid li le zgur mhux hu u jghid li ibnu qallu li waqt li keint barra titkellem mieghu kkonfessat mieghu li ma setghetx isib ragel.

Mistoqsi jekk kienx minnu li wara li mmolestaha qallha biex ma titkellem ma hadd u jekk tparla kienet li talabha x'taqsam mieghu kienet ser tkun bi kbira, jwiegeb li din hija miguna perfetta. Lanqas damet tlett minuti fil-garaxx u verament ma gara xejn. Mistoqsi jekk kienx minnu li dan ma kienx l-ewwel darba li ghamel avvanzi sesswali fuqha jghid li mhux minnu li huwa ghandu mara u jaduraha. Qal li ilu mizzewweg sebgha u ghoxrin sena. Ikkonkluda billi stqarr li din Lillian hija giddieba jekk allegat dak kollu fuqu.

Fid-29 ta' Settembru 2015 xehed viva voce u spjega u qal li dak il-lejl ta' din l-allegazzjoni ibnu Ludwig kien mar jsitad u halla d-dghajsa wara l-bieb tal-garaxx ghax kien sarlu l-hin biex imur jirregistra. Sadanittant qallu biex joqghodlu ma l-affarijiet u huwa hekk ghamel. L-affarijeit kienu jikkonsistu f'affarijiet tas-sajd. Huwa qaghad jsitennih, fetah il-bieb tal- garaxx waqt li kien fil-parapett bil-ghan li meta jasal lura Ludwig idahhlu l-affarijiet bil-kwiet. Sakemm wasal Ludwig lahqet waslet

din il-mara Liliana u kellem lil lilha kien maghha li ma jitkellimx. Staqsiha kif kien it-tifel taghha u dan beda' jghid 'boat boat boat'. Huwa ghalhekk ha it-tifel minn fuq ommu, ghax tatulu, poggih fuq il-boat imiss 'l hawn u 'l hemm. Fil-hin wasal il-Barbagan mat-tieqa u beda ighid 'Birdie', 'Birdie' u qallha jista' inizzel it-tifel jara l-ghasfur u wegbitu 'mela le lanqas li ma nafekx'. Qabad it-tifel u nizlu isfel u sadanitant il-Barbagan dahal u it tifel donnu kien ser jibki. Ftit wara waqt li kien gewwa fost l-imbarazz hass lil xi hadd warajh u waslu ibnu Ludwig u siehbu Andrew. Warajh kien hemm din Lilian u appena ra lanqas felah jitkellem ghax ma semaghiex nizla hdejh u ghamillha isnjal biex titlaq u din qaltlu "Kemm nixtieq insib ragel ihobb lili u lill-uliedi." Telqet 'lemm u marret titkellem ma ibnu Ludwig u Andrew u kien ghadu isfel bit-tifel taghha u telghu xi zewg minuti wara u qallha biex tiehu lit-tifel taghha u dak il-hin kien hemm scooter u qallha biex tiehdu ghat-tifel.

Jaf li imbaghad erbat ijiem wara baghtu ghalih il-pulizija u gie arrestat. Jghid li fl-ebda hin ma messha u baqa' sorpirz ghaliex ghamlet rapport kontra tieghu wara ir-rispett li kienu juri lilha u lil familtha.

Rat it-trattazzjoni tal-appellant kif dattilografata u inserita fl-atti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve l-fatti ta' da nil-kaz huma is-segwenti:-

1. Nhar is-26 ta' Marzu 2012 Lilian Muscat kient sejra tixtri ma binha Adam ta' erbgha snin meta ghaddew minn quddiem il-garge tal-appellant.
2. It-tifel ried imur jara id-dghajsa li kien hemm fuq il-parapett tal-appellant u mar ghand l-appellant li sahansitra anke tellghu fuq id-dghajsa.
3. Illi l-appellanti u l-allegat vittma ilhom zmien jafu lil xulxin tant li jidher li l-allegata vitma u ulied l-appellant trabbew flimkien.
4. Illi f'xi hin it-tifel intebah li kien hemm ghasfur Barbagan u ried jarah u l-appellant ha it-tifel jara dan l-ghasfur.
5. Waqt li hu kien isfel fil-garage, wasal fuq il-post ibnu Ludwig u l-habib tieghu Andrew.

6. Illi l-appellant zamm it-tifel fuqu l-hin kollu.
7. L-allegata vittma nizlet ukoll isfel u tghid li waqt li l-appellant kellu lil binha f'idejgh huwa qaghad ibaghbasha u pogga idjeh taht il-hwejjeg taghha u ghamlilha tbengil fuq sidirha.
8. Tghid li kienet imbezza minnu u fil-fatt tghid li kien heddidha li jekk tirraporta dak li gara kien ikun hazin.
9. Pero' meta xehdet il-Qorti ziedet id-doza taghha u qalet ukoll li dakinhar qallha li ried ikollu x'jaqsam maghha pero' hadd mill-pulizija li xehdu dwar dak li gie rapportat lilhom mill-allegata vittma ma qal li qaltilhom dan id-diskors.
10. Ludwg Vella u Mario Galea jghidu li Lilian dehret nromali dak inhar u li kient sejra tixtri u kient qed tparla maghhom li xtaqet issib ragel li ihobb lilha u lill-uliedha.
11. Mistoqsija jekk raw lill-vitma imgerfxa jew imwerwra jghidu li dehret normali u kient qed tkellimhom u li waqfet ghaliex ridet tmur tixtri.
12. Illi <u>tlett ijiem wara</u> dan l-inkontru l-appellant gie mitlub imur l-ghassa tal-pulizija ta' San Gwann sabiex iwiegeb ghall-allegazzjoni li saret fil-konfont tieghu u cioe li kien allegatament immolestja lil Lilian Muscat gewwa l-garage u li kien ikkawzalha feriti ta' natura hafifa.
13. L-appellant dan jichdu kemm fl-istatement rilaxxjat dak il-hin stess tal-investigazzjoni kif ukoll aktar tard il-Qorti meta xehed viva voce il-Qorti.
14. Ir-rapport l-ghassa sar mill-allegata vittma li kienet fil-kumpanija ma ommha Tessie Muscat u li kienet hi li heggitha tghamlu a bazi ta' dak li intqal lilha minnha.

Ikkunsidrat ultejorment,

Illi din il-Qorti qed tintalab tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma tal-appellant l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha hazina meta giet biex taghmel apprezzament tal-provi prodotti.

Kif gie ritenut diversi drabi, hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif

ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzjax l-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Izda, l-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni. (**Il-Pulizija vs. Carmelo Schembri**[1]).

Ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel apprezzament approfondit tal-istess sentenza biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.

Illil-appellant jibbaza l-appell tieghu billi jghid li l-allegata vittma m'hix xhud kredibbli u x-xhieda taghha m'ghandhiex mis-sewwa u ghandha tigi skartata. Stqarr li tali xhieda mhiex *safe u satisfatory* u din il-Qorti m'ghandhiex tibbaza il-gudizzju taghha fuq dak li qalet din ix-xhud in isolazzjoni.

Huwa pjuttost process naturali tal-bon sens li jirrikjedi li f'kaz ta' divergenzi fix-xhieda, il-gudikant ghandu jara, skond il-provi mressqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, minn minnhom ghandu jkun emnut. Wara kollox il-process penali hafna drabi hu kompost minn sitwazzjonijiet konflingenti jew ghaliex l-imputat jew ix-xhieda jghidu hwejjeg li huma kontrastanti ghal-verzjoni tal-prosekuzzjoni jew ghaliex il-fatti emergenti mill-process ma jaghmlux omagg ghad-deposizzjoni ta' uhud jew ghall-fatti imputati. Il-gudizzju huwa ghalhekk fdat f'idejn il-Magistrat jew l-Imhallfin tal-fatti fil-guri bil-kawtela illi fejn il-konflitt huwa tali li ma jistghux jasslu ghal-konkluzzjoni li verzjoni minnhom tant ghandha mis-sewwa li biha tista' tinstab htija allura mbaghad japplika l-principju in dubio pro reo u jghaddu ghal-liberazzjoni. Dan fil-fatt hu rifless fis-**sub-artikolu (2) tal- artikolu 638** meta jghid :

---

[1]Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar it-28 ta' April 1995

*"…..f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

L-ewwel Qorti rabtet il-htija taghha fuq ix-xhieda moghtija mill-allegata vitma marbuta bit-tbengil li sabet fuq is-sider taghha. Ma tat l-ebda importanza ghall–provi ohra senjalati mid-difiza fit-trattazzjoni taghha kif rapportati.

Ventilat dan, isegwi li jkunu ezaminati l-atti processwali bil-ghan illi jkun determinat jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti setghetx waslet ghaliha legalment u ragjonevolment, anke ghaliex s-sentenza tal-ewwel Qorti ma tidholx fit-tul fl-appezzament tla-provi prodotti izda strahet biss fuq ix-xhieda ta' Lilian Muscat u l-prova medika li irrizulta li verament kien hemm tbengil fuq sidirha.

L-allegata vitma tat verzjoni ta' dak li kien gara lill-iSpettur Luke Bonello tlett ijiem wara li kien sehh l-allegat akkadut u dan gewwa l-ghassa tal pulizija ta' San Gwann. Jghid li din is-sinjura Mascat kienet qaltlu li kien hemm persuna maskili li kien mesilha xi partijiet privati minn taghha fosthom sidirha u partijiet ohra waqt li kienu go garaxx. Qaltlu li rassha mal-hajt u spjegatli li waqt li Mario Vella kellu lil binha f'idejgh (u irridu niftakru li dan it-tifel ghandu erbgha snin u ghalhekk ta' certu toqol) Vella qabad u dahhal idejgh taht it-top li kienet libsa u beda imissilha sidirha. Qaltlu ukoll li irreagixxiet billi telqet 'l hemm u tghidlu ukoll li Mario kien heddidha li jekk titkellem dwar dak li kien sehh kien ser johdilha it-tifel. Qaltlu li kellha xi feriti fuq sidirha u dawn gew konfermati mill-pulizija nisa li kien hu hemm fosthom WPC 221 Francesca Mangion u WPS 244 Mariella Degabrielle.

PS 6 Saviour Demicoli kien l-ufficcjal tal- pulizija li ha l-okkorenza u hawnhekk tghid li waqt li kienet ghaddejja minn Triq Alessio Xuereb, San Gwann flimkien ma binha Adam dan mar ikellem lil Mario Vella u tellghu fuq id-dghajsa u qaghad jilghab mieghu. Stqarret li stenniet barra u bdeit tghajjat lil Ludvic bin l-appellant biex imur igibilha it-tifel li kien gewwa il garage jara l-ghasafar. Tgidlu li Mario rassha mal-hajt kontra l-kunsens taghha prova ibusha, dahhal idejh taht il-hwejjeg taghha u beda ibaghbas fuq sidirha u qallha li jekk tikxfu ma kienx ser ihalliha tara lit-tifel u minn

hemmhekk telqet il barra u ghamlet ir-rapport tlett ijiem wara. Ghalhekk hawnhekk minkejja li r-rapport sar tlett ijiem wara l-allegat akkadut Lilian Muscat zidet id-doza ghax qalet li sahansitra Mario Vella anke ipprova ibusha.

Imbaghad xehdet hi u tghid li t-tifel harbilha minn iejha u mar jigri lejn l-appellant beix jara d-dghajsa u wara nizlu biex jaraw l-annimali ghax binha ihobb l-annimali. Hija bdiet tghajjat lit-tifel li ma wegibhiex-. Qalet li hasbet li l-appellant seta kien qed ibaghbas lil binha u bdiet tghajjatlu pero' ma wegibhiex, ghajtet lil t-tifel tal-appellant ghax tghid li kien ghadu kif wasal min x'imkien biex imur igibilha it-tifel izda ma tax kasha. Nizlet ir-rampa u talbitu t-tifel izda ma setghetx tiehdu ghax wera certu sahha u zammu u beda imissha billi dahhal idejh taht il-flok u halliethu igerfex. Tghid li dak il-hin binha kien ghadu f'idejh u dak il-hin telghet tigri ghax kien rassha mal-hajt go rokna u halliet lil binha hemmhekk. Cio nonnostante pero' minkejja tghid li kellha xokk u minkejja li taf li kien hemm bin l-appellant regghet nizlet ghat-tifel u ghall-ewwel darba tghid li riedha ikolllu x jaqsam maghha u prova inezzaghha prova ikollu x'jaqsam maghha pero' tghid li peress li kienet liebsa certi hwejjeg ma setghax u tghid li meta telghet fuq u mhux meta kienet ghadha isfel kif qalet lill-pulizija qalilha li jekk tikxfu johdilha it-tifel. Tghid li bhala rizultat kellha tmur ghand il-psikjatra biex tiehu l-kura u qalet li bdiet tohodhom bil-lejl tghajjat li ser hohdulha lit-tifel.

Tessie Muscat xehdet u tghid li kienet hi li qalet lil Lilian biex tghamel ir-rapport. Mistoqsija jekk kienx minnu li Lilian bdiet tghajjat bil-lejl tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija xi kliem qaltilha li qallha l-appellant tghid li ma tiftakarx.

Xehed il-Psikjatra Dr. Peter Muscat u ikkonfemra li Lilian hi pazjenta tieghu u li kienet ilha pazjenta tieghu ghal zmien twil cioe' tlett snin qabel l-allegat incident 2009. Qal li kienet ilha taht kura prsikjatrika ghal zmien twil u kienet tbati mid-depression u li kienet sahanstira anke suwicidali.

L-ewwel Qorti taghti importanza ghal-prova medika u cioe' li nstabu zewg tbengiliet fuq sider l-allegata vittma. Dr Merceica jenfasizza li t-tbengil kienu friski u skuri. Mistoqsi x'kulur ikollhom it-tbengil meta ma jkunux friski u ghal dan irrefera ghal

tbegila li tkun ilha hemm tlett ijiem jghid li tibbrekja l kulur u issir ahdar. Issa nafu li l-allegat incient sehh tlett ijiem qabel ma giet ezamianta mit-tabib u li ttbengil li ra kienu skuri u jghid li kienu friski. Jghid ukoll li minn dak li jiftakar l-allegata pazjenta qaltlu li sehhew ghax kienet qalghet xeba minghand xi hadd. Mistoqsi jekk semmietlux li kient giet aggredita sesswalment jghid li le ma semmietlux u kieku qaltlu hekk kien jiehu notament kif ha meta innota li kienet taht kura psikjatrika. Qal li t-tbengil li ra kien *' friski jigifieri naf x'qed isir – huma friski blu skur kwazi suwed'* . L-Qorti staqsietu *'jumejn qabel ghadhom isiru biex jinbidel il-kulur jiehu zmien, skond liema parti tal-gisem u kemm tkun kbira u skont l- istrument jew biex saret. Ma kienitx antika, skuri kienu, il- perijodu ezatt ma nistax nghidlek"*. It-tabib jghid ukoll meta msitoqsi li *fil-kronologija medika tbengila antika tkun antika li grat jumejn tlieta qabel."*

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjon ma tistax torbot il-kaz taghha mal-fatt li ghaliex l-allegata vittma kellha zewg tbengiliet zghar ta' zewg centimetri l-wiehed allura ifisser li giet molestata mill-appellant. Il-prova li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni trid tkun ferm ikbar u cioe' dik dettata mir-raguni li ma thalli l-ebda dubbju ragonevoli f'mohh il-gurikant. Il-Qorti semghet lit-tabib jixhed u jghid li ghalih tbengila antika tfisser li ikollha jumejn jew tlieta u ghalhekk semmai din kellha tkun it-tbengil il setgha kien hemm kieku l-incident verament sehh fuq l-vittma u mhux tbengil frisk ghaliex il-kaz gie rapportat tlett ijiem wara.

Jinghad ukoll li f'dan il-kaz l-appellant xehed minkejja li ma kienx obbligat jixhed u anke irrilaxja stqarrija. Minn esami ta' din l-istqarrija jirrizulta li huwa cahad dak li gie allegat li sehh fil-konfront tieghu minnufih u anzi qal li kien sorpriz b'dak li Lilian irraportat ghaliex sa fejn jaf hu kemm hu kif ukoll il-familja tieghu dejjem rispett urewha. Fil-fatt iressaq bhala xhud lill-ibnu li inzerta kien hemmhekk fil-garage jew ahjar fil-parapett li jaghti ghall-garage. L-allegata vitma kienet taf dwar dan ghaliex tghid li kienet sejhitlu izda ma tahiex kasha. Issa kieku veru l-appellant immolestaha ma kienitx tghajjat u tattira l-attensjoni tieghu u tghidlu x' kien ghaddej molto piú meta l-appellant hu missieru u jghix ma ommu? In oltre l-appellant ressaq lill-ibnu bhala xhud u dan jghid li dakinhar jiftakru ghaliex missieru kien gie arrestat ftit wara dak il jum. Jghid li jaf li din il-mara kiet hemm bit-tifel taghha u li missieru urieh id-dghajsa u l-annimali u zamm dan it-tifel f' idejh. Dan mhux xi baby izda

tifel ta' erbgha snin u ghalhekk ta' certu toqol. Mistoqsi jekk rax lil Lilian mifxula jew imgefrfxa jghid li kienet qed tagixxi bhas-soltu. Andrew Galea habib ta' Ludwig ukoll inzerta hemm u kkonferma dak kollu li stqarr Ludwig li din il mara meta telghet mil-garage qadet titkellem maghhom u ftit wara telgha missier Ludwig bit-tifel f' idejgh.

Din il-Qorti tistaqsi jekk kieku verament il-mara kienet bezghana ma kientix titlaq'l hemm flok ma titkellem ma ulied l-allegat malvivent? Ma kienitx tmur id-dar u tirrakonta dak li gara minfok li tkompli u tmur tixtri, specjalment meta tghid li kienet taht xokk?

Huwa inkoncepibbli kif l-appellant li kellu tifel ta' erbgha snin fuq idu, jirnexxilu idahhal idejh taht il-flok ta' Lilian Muscat rassa ma hajt u joqghod ibaghbas sidirha meta idu kienet mehuda bil-piz tat-tifel u sinjali ma dar Muscat (ghaliex tghid li ghafasha) ma jdihirx li kien hemm . Lanqas ma jirrizutla li kien hemm xi ghajjat jew biki tat-tifel minkejja li tghid li waqt li it-tifel kien f'idejn l-appellant, dan ghafasha mal-hajt u qaghad ibghabas sidirha minn taht il-hwejjeg.

Jinghad ukoll li l-allegata vittma ma baqghetx konsitenti fix-xhieda taghha izda dejjem ziedet id-doza tant li spiccat tghid il- Qorti li l-appellant anke talabha ikollha x'taqsam mieghu u hadd mix-xhieda ma jghid dan minkejja li rrepetiet l-istorja taghha diversi drabi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi din il-Qorti ma thossx li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kien wiehed 'safe u satisfactory' u ghalhekk qed tilqa' t-talba tal-appellant sabiex tirrevoka u tikkancella is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tiddikajra li ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuzzi u tilliberah minnhom.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur